# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 21 ta' Mejju, 2001**

**Numru**

**Avviz numru: 204/01mm**

**Associated Supplies Limited**

**vs**

**Jacqueline Bugeja**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' erba' mija u wiehed u erbghin lira Maltin (Lm441.00), rapprezentanti l-import ta' wiehed u ghoxrin (21) kambjala skaduti u dovuti

lis-socjeta' attrici fit-8 ta' kull xahar matul il-perjodu bejn Novembru 1998 u Lulju 2000.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid u Mandat ta' Sekwestru ipprezentati kontestwalment u bl-imghaxijiet legali dekorribbli b'effett mid-data ta' kull skadenza tal-kambjali annessi (Dok JB1 – Dok JB21) sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment il-konvenuta naqset u ma dehritx, la fil-15 ta' Mejju, 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuta.